MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 263/2001/1

**Said International Limited.**

**-vs-**

**MAC Limited; Paul Zerafa; Metarica Properties Limited; u Doris armla minn George Zerafa, Josephine mart Carmel Grech, Carmen mart Joseph Mamo, Maximillian Zerafa, Josepha Zerafa, Mary mart Joseph Said u l-istess Joeph Said, Antida mart Paul Savona u l-istess Paul Savona u Marthese mart Martin Bonnici u l-istess Martin Bonnici, dawn ilkoll aħwa Zerafa ulied l-imsemmija Doris Zerafa u l-mejjet George Zerafa.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-15 ta’ Frar, 2001 li permezz tagħha s-soċjeta’ attriċi esponiet bir-rispett:

Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet 'MAC Limited et vs Said International Limited', Ċitazzjoni Numru 1299/99 GC mogħtija fl-1 ta' Lulju, 1999, kopja informi hawn annessa bħala Dokument "A", fil-kontumaċja tas-soċjeta' attriċi odjerna (f'dik l-istanza s-soċjeta' konvenuta) din l-Onorabbli Qorti ddeċidiet billi laqgħet it-talba ta' l-atturi bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża, u kkundannat lis-soċjeta' attriċi tħallas lill-konvenuti f'din il-preżenti kawża s-somma ta' tlett elef, ħames mija u tliet Liri Maltin u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm3,503.24);

Illi ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fl-1 ta' Ġunju, 1999, wara li l-uniku soċju fis-soċjeta' attriċi, Godwin Said, kien miet fis-6 ta' April, 1999, u ħadd ma kien għadu ġie nominat direttur flok il-mejjet;

Illi għalhekk, iċ-ċitazzjoni kellha tiġi notifikata lill-kuraturi deputati nominati sabiex jirrappreżentaw lill-kumpanija peress illi ma kien hemm ħadd biex jirrappreżentaha, iżda dan ma sarx;

Illi b'hekk, is-soċjeta' attriċi odjerna ma setgħetx tiddefendi ruħha kif trid il-liġi;

Illi fis-26 ta' Jannar, 2001, ġew nominati diretturi tas-soċjeta';

Illi in oltre, il-kawżali hija msemmija għall-ħlas a rigward l-ammont komplessiv ta' tlett elef, ħames mija u tliet Liri Maltin u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm3,503.24), rappreżentanti arretrati ta' kera fuq il-ħanut numru 43, Zachary Street, Valletta, u l-uffiċċju numru 43/12-13 Zachary Street, Valletta, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi;

Illi l-konvenuti talbu l-ħlas komplessiv iżda dwar ammonti dovuti għal konsiderazzjonijiet differenti li jirrigwardjaw il-ħanut numru 43, Zachary Street, Valletta, u l-uffiċini numru 2 u 12-13 fl-istess lokal 43, Zachary Street, Valletta;

Illi l-atturi jipposjedu l-ħanut numru 43, Zachary Street, Valletta, b'titolu ta' enfitewsi perpetwa, u mhux ta' kera, kif jidher anke mill-kuntratt ippublikat min-Nutar Paul Pullicino datat 21 ta' April, 1986, li bih il-konvenuti kkonċedew l-imsemmi fond lis-soċjeta' attriċi b'ċens perpetwu (Dokument "B") u għalhekk l-imsemmija sentenza hija affetta ukoll minn żball fis-sustanza tagħha;

Illi b'hekk hemm lok għal ritrattazzjoni tal-kawża skond il-liġi;

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. tiddikjara li s-sentenza tagħha mogħtija fl-1 ta' Lulju, 1999 'MAC Limited et. vs Said International Limited', Ċitazzjoni Numru 1299/99 GC mogħtija fl-1 ta' Lulju, 1999, ittieħed mingħajr ma l-parti telliefa kienet notifikata bir-rikors kif trid il-liġi;

2. tiddikjara li s-sentenza tagħha mogħtija fl-1 ta' Lulju, 1999 'MAC Limited et. vs Said International Limited', Ċitazzjoni Numru 1299/99 GC mogħtija fl-1 ta' Lulju, 1999, hija affetta minn żball fis-sustanza tagħha;

3. tħassar is-sentenza tagħha mogħtija l-1 ta' Lulju, 1999 'MAC Limited et. vs Said International Limited', Ċitazzjoni Numru 1299/99 GC mogħtija fl-1 ta' Lulju, 1999 għar-raġunijiet fuq premessi;

4. tordna li ssir ir-ritrattazzjoni ta' l-istess kawża skond il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' attriċi maħlufa minn Sacha Said, I.D. 218070(M), u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fid-9 ta' April, 2001 li permezz tagħha eċċepew:

Illi fl-ewwel lok is-soċjeta’ attriċi għandha tagħti indikazzjoni ċara ta’ liema huma s-subartikoli ta’ l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li fuqhom hija qed tibbaża l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tagħha hekk kif dedotti minnha fil-konfront ta’ l-eċċipjenti permezz ta’ l-Att ta’ Ċitazzjoni odjern.

Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju t-talbiet tas-soċjeta’ attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta’ attriċi, stante li dawn it-talbiet jirreferu għal proċeduri ġudizzjarji għal kollox differenti mis-sentenza li llum tagħmel stat bejn l-eċċipjenti u s-soċjeta’ attriċi.

Illi fit-tielet lok u bla preġudizzju t-terminu ta’ dekadenza ta’ tliet xhur rikjest mil-Liġi ai termini ta’ l-Artikolu 818 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, in partikolari l-paragrafi (b) u (d) tal-preċitat Artikolu, entro liema għandha tiġi ppreżentata azzjoni għar-ritrattazzjoni, illum skada u għaldaqstant l-azzjoni attriċi tirriżulta għal kollox ġuridikament insostenibbli u b’hekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta’ attriċi.

Illi fir-raba’ lok u bla preġudizzju dina l-azzjoni hija ġuridikament insostenibbli ai termini ta’ l-Artikolu 812 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi fil-ħames lok u bla preġudizzju l-allegazzjonijiet kif imressqa mis-soċjeta’ attriċi permezz taċ-Ċitazzjoni fl-ismijiet premessi qed jiġu kategorikament miċħuda mill-eċċipjenti stante li l-azzjoni proposta mill-istess soċjeta’ attriċi hi ġuridikament insostenibbli ai termini ta’ l-istess Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, invokat mis-soċjeta’ attriċi, kif jiġi pruvat aħjar waqt it-trattazzjni tal-kawża u għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta’ attriċi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa minn Maximillian Zerafa, I.D. 311542(M), u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti mogħtija fit-28 ta’ Settembru, 2001 li permezz tagħha ġie mogħti permess li ċ-ċifra 1299/99 GC tiġi sostitwita biċ-ċifra 1266/99 GC.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Mejju, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Illi l-attur qed jitlob li jsir is-smigħ mill-ġdid tal-kawża imsemmija a bażi tas-subinċiżi (b) u (l) ta’ l-Artiklu 811 tal-Kapitlu 12 – ara n-nota a fol 34 preżentata mis-soċjeta’ attriċi. Dawn is-sub-inċiżi jagħtu dan id-dritt *jekk iċ-ċitazzjoni ma tkunx ġiet notifikata lill-parti telliefa* u *jekk is-sentenza tkun l-effett ta’ żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.* Għandu jingħad mill-ewwel illi *Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li r-rimedju ta’ ritrattazzjoni hu ta’ indoli straordinarja, lumeġġjat dan il-karattru bl-istorja ta’ dan l-istitut; bil-konsegwenza loġika li r-regoli li jiggovernawh huma ta’ interpretazzjoni strettissima (Vol XXVII-i-818; Vol XXVIII-i-584 u XXII-1-385). Diversament, taħt il-pretes ta’ ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun* jista’ *jerġa’ jiftaħ il-kawża u b’hekk indirettament jinħoloq tribunal tat-tielet istanza.* Ara ukoll is-sentenzi fl-ismijiet <u>Dr. Paul Mallia nominee vs Vincenza Camilleri (Appell Ċivili - 27 ta’ Lulju, 1975</u> u <u>Rev. Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina (Appell. Civili - 18 ta’ April, 1958.</u>

Il-Qorti tħoss illi ikun utili li qabel ma tidħol fil-kwistjoni jekk il-lanjanzi avvanzati mis-soċjeta’ attriċi humiex ġusitfikati li tiġi l-ewwel eżaminata t-tielet eċċezzjoni u jekk għaddiex it-terminu ta’ tliet xhur għad-dekadenza ta’ kawża ta’ *ritrattazzjoni* meta ġiet istitwita l-azzjoni odjerna. Kif sewwa rrimarkat is-soċjeta’ konvenuta fin-nota tagħha huwa ċar li fir-rigward tas-sub-inċiż (l), it-tliet xhur għaddew abbundantament billi l-kawża ġiet intavolata fil-15 ta’ Frar, 2001 u l-kawża attakkata fl-1 ta’ Lulju, 1999. L-Artiklu 818 illi jirregola l-perjodu li fih għandha tiġi istitwita l-kawża ta’ ritrattazzjoni jispeċifika s-sub-inċiżi (a), (k), (b) u (j) biex jindika minn meta għandu jibda għaddej dan iż-żmien. Imbagħad fis-sub-inċiż (d) ta’ l-Artiklu 818 hemm illi l-perjodu ta’ tliet xhur jibda jgħodd *f’kull każ ieħor minn dakinhar tas-sentenza attakkata.* Għalhekk huwa ċar li fir-

rigward tas-sub-inċiż (l) ta' l-artiklu 811 l-azzjoni hija perenta.

Jibqa' allura l-lanjanza avvanzata taħt is-sub-inċiż (b) li t-terminu ta' dekadenza tiegħu huwa dejjem ta' tliet xhur iżda li jibda jgħaddi *mill-ġurnata li fiha l-attur ikun jaf bis-sentenza.*

Is-soċjeta' attriċi kienet ġiet notifikata b'mandat ta' sgumbrament mill-fond 43/12 u 13 Triq Żakkarija l-Belt Valletta fis-7 ta' Settembru, 2000 u dan kien inħareġ a bażi tas-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-kera fis-6 ta' Lulju, 2000. Fuq din il-kawża s-soċjeta' attriċi wkoll ippresentat kawża ta' ritrattazzjoni li ġiet miċħuda mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Lulju, 2003. Din il-kawża fejn intalab l-isgombrament kienet ġiet intavolata fuq il-bażi tal-kawża li qed tiġi attakkata bil-proċedura odjerna fis-sens li s-soċjeta' konvenuta kienet ipproċediet quddiem il-Bord li Jirregola kera wara li ottjeniet is-sentenza in kwistjoni li kienet ikkundannat lis-soċjeta' attriċi odjerna biex tħallas arretrati tal-kera. Għalhekk fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell imsemmija l-Qorti kienet qalet illi;

"*B'mod mill-iktar espliċitu l-liġi tissanzjona li l-azzjoni għandha tittressaq f'terminu statutorju preċiż. F'dan il-każ it-terminu beda jgħaddi minn meta Sacha Said irċieva l-mandat ta' sgumbrament fis-7 ta' Settembru, 2000 billi dan l-att kien jagħmel speċifika referenza għall-atti tal-kawża u għas-sentenza, li tagħha xhur wara u eċċedenti t-terminu legali talab ir-ritrattazzjoni f'isem is-soċjeta'. VIswalizzata fit-termini preċiżi tal-kliem tad-disposizzjoni (Artiklu 818) ma kienx leċitu li wieħed jidderoga minnhom bis-saħħa ta' xi interpretazzjoni wiesgħa u innovattiva.*

*Ġia' il-Qrati kellhom okkażjoni jikkummentaw fil-konsiderazzjoni ta' dan l-aspett tal-materja u r-regoli stretti ta' interpretazzjoni fl-ambitu ta' l-istitut ta' ritrattazoni illi 'la disposizione del'articolo (illum l-Artiklu 819) delle leggi di Organizzazzione e Procedura Civile, la quale dichiara perentorio il termine di tre mesi concesso dal'articolo (818) delle stess leggi per proporre la ritrattazzione non viene meno per la cicostanza che l'attore in ritrattazione*

*ha dovuto avvanzare un ricorso per forma pauperis, le cui procedure hanno dovuto assorbire quel termine. Ne' il ditto ricorso puo essere considerato come equipollente alla domanda per la ritrattazione. (Borg Depares vs Galea - Appell Ċivili - 31 ta' Marzu, 1907) Dan il-bran qed jiġi riportat biex tagħti risalt lill-fatt mhux kull skużanti tista' sservi biex wieħed jovvja għan-nuqqas ta' azzjoni meta l-azzjoni propulsa għar-ritrattazzjoni setgħet invece issir' in tempo.*"

Fil-fehma tal-Qorti s-soċjeta' attriċi ma tista' qatt tgħid li ma kinitx taf bis-sentenza attakkata inqas minn tliet xhur qabel ipproponiet din il-kawża għaliex kif saret taf bis-sentenza tal-Bord tal-Kera, li kienet ibbażata fuq dik li qed tiġi attakkata bil-kawża odjerna f'Settembru 2000, u allura ċirka ħames xhur qabel ma pproponiet il-kawża. Stabbilit dan ma hemmx lok allura jiġu investigati l-lanjanzi tas-soċjeta' attriċi u l-eċċezzjonijiet l-oħra sollevat mis-soċjeta' konvenuta.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta u tiċħad it-talbiet attriċi. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjeta' attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------